32006R1104

19.7.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 197/3

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1104/2006

tat-18 ta' Lulju 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 831/2002 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill Nru 322/97 dwar l-Istatistika Komunitarja, li jikkonċerna l-aċċess għad-*data* kunfidenzjali għal għanijiet xjentifiċi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-Istatistika Komunitarja[1] u b'mod partikolari l-Artikolu 17(2) u l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2002[2] jistabbilixxi, bl-għan li jintlaħqu konklużjonijiet statistiċi għal skopijiet xjentifiċi, il-kundizzjonijiet li bihom l-aċċess għal *data* kunfidenzjali mgħoddija lill-awtorità tal-Komunità jista' jingħata. Jenumera l-istħarriġ u l-għejun ta' *data* differenti li japplika għalihom.

(2) Hemm domanda dejjem akbar minn riċerkaturi u mill-komunità xjentifika b'mod ġenerali biex ikun hemm aċċess ukoll, għal skopijiet xjentifiċi, għal *data* kunfidenzjali mill-Istħarriġ dwar l-Istruttura tal-Qligħ. L-Istħarriġ dwar l-Istruttura tal-Qligħ jirrappreżenta d-*data* strutturali armonizzata għall-UE kollha dwar il-qligħ gross, is-sigħat imħallsa u l-ġranet annwali ta' liv imħallas li tinġabar kull erba' snin skond ir-Regolament tal-Kunsill Nru 530/1999 tad-9 ta' Marzu 1999 li jikkonċerna l-istatistika strutturali fuq il-qligħ u l-ispejjeż tax-xogħol[3]. L-aċċess għal din id-*data* kunfidenzjali jkun ta' benefiċċju kbir għall-ħidma ta' riċerka dwar il-qligħ ta' individwi u r-relazzjoni ta' dan mal-karatteristiċi ta' min iħaddem. Dan l-istħarriġ għandu għalhekk jiżdied ma' l-enumerazzjoni fir-Regolament Nru 831/2002.

---

1 ĠU L 52, 22.2.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

2 ĠU L 133, 18.5.2002, p. 7.

3 ĠU L 63, 12.3.1999, p. 6. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

(3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Kunfidenzjalità ta' l-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 831/2002 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-awtorità tal-Komunità tista' tagħti aċċess fil-post tagħha għal *data* kunfidenzjali miksuba mill-istħarriġ jew mill-għejun ta' *data* ta' statistika li ġejjin:

- Bord dwar l-Affarijiet Domestiċi tal-Komunità Ewropea,

- Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol,

- Stħarriġ dwar l-Innovazzjoni Komunitarja,

- Stħarriġ dwar it-Taħriġ Vokazzjonali Kontinwu

- Stħarriġ dwar l-Istruttura tal-Qligħ.

Madankollu, fuq talba ta' l-awtorità nazzjonali li pprovdiet id-*data*, l-aċċess għad-*data* minn din l-awtorità nazzjonali m'għandux jingħata għal proġett speċifiku ta' riċerka."

2. Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-awtorità Komunitarja tista' toħroġ settijiet ta' mikrodata anonimizzata miksuba mill-istħarriġ jew mill-għejun ta' *data* ta' statistika li ġejjin:

- Bord dwar l-Affarijiet Domestiċi tal-Komunità Ewropea,

- Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol,

- Stħarriġ dwar l-Innovazzjoni Komunitarja,

- Stħarriġ dwar it-Taħriġ Vokazzjonali Kontinwu,

- Stħarriġ dwar l-Istruttura tal-Qligħ.

Madankollu, fuq talba ta' l-awtorità nazzjonali li pprovdiet id-data, l-aċċess għad-data minn din l-awtorità nazzjonali m'għandux jingħata għal proġett speċifiku ta' riċerka."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Lulju 2006.

Għall-Kummissjoni
Joaquin ALMUNIA
Membru tal-Kummissjoni